MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2005

Numru 852/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**Spettur Ramon Mercieca**
**V**

**RITTMAR HATHERLY**
**AARON AGIUS**
**ALLAN PACE**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **RITTMAR HATHERLY** ta' sbatax il-sena bin James u Carmen nee Farrugia, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 1987 u residenti 77, Flat 6, Triq il-Kapuccini, Floriana, detentur tal-karta tal-identita numru 363987M, **AARON AGIUS** ta' sbatax il-sena bin Anthony w Irene nee Gatt, imwieled Pieta nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Dicembru 1986 u residenti 112, Flat 8, Triq San Guseppe, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 28987M u **ALLAN PACE** ta' sittax il-sena bin

George u Mary nee Cewfai imwieled Pieta nhar t-tnejn ta' Marzu 1988 u residenti 51, Triq San Gusepp, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 120488M gew mressqa quddiemha akkuzati talli nhar s-sittax ta' Ottubru 2003, ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija waqt li kienu fil-Belt Valletta:

1. Ikkommettew serq ta' flus w oggetti ohra kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, kif wkoll bil-hin ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

2. Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkunu ndahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom;

**Lil ALLAN PACE WAHDU:**

a. talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

b. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta [llum artikolu 7 tal-Kap 446] meta wara li gie misjub hati ta' reat b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula, huwa kien gie moghti l-liberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Mejju 2005 [fol 13] sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja kif wkoll l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman [fol 17 et seq].

Semghet lit-tlett imputati jiddikjaraw li ma kellhom oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar lilhom nhar t-tnejn ta'

Mejju 2005 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 14 et seq].

Rat li fis-seduta tat-tnejn ta' Meju 2005 il-Qorti kienet innominat lil Probation Officer Trevor Calafato sabiex ihejji pre-sentencing inquiry report fuq l-imputati Rittmar Hatherly u Aaron Agius fil-waqt li l-Qorti kienet giet infurmata li l-imputat Aaron Agius kien taht s-sorveljanza tal-Probation Officer Mary Rose Farrugia, liema Probation Officer giet wkoll ordnata thejji pre-sentencing inquiry report tieghu, u dan bil-ghan li tali rapporti jghinu lil Qorti tasal ghal piena idoneja fic-cirkostanzi.

Illi nhar t-tletin ta' Mejju 2005 l-Probation Officer Trevor Calafato ppresenta nota fir-Registru ta' din il-Qorti li biha nforma lil Qorti li nonostante li l-imputat Aaron Agius nghata d-direttivi sabiex jattendi ghal appuntament sabiex jigi kompilat l-imsemmi rapport, dan naqas li jattendi ghal appuntament moghti lilu personalment permezz tat-telefon, [meta kien inghata tlett appuntamenti] bir-rizultat li tali pre sentencing inquiry report ma setghax jigi redatt.

Illi fis-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2005 deher l-Probation Officer Trevor Calafato li ppresenta u halef pre sentencing inquiry report fil-konfront ta' Rittmar Hatherly li gie mmarkat bhala dokument RA. Huwa reggha kkonferma verbalment dak li kien issollevat fir-rikors tieghu fuq imsemmi tat-tletin ta' Mejju 2005 rigward Allan Agius u cioe li ma kkoperax mieghu u ghalhekk ma setghax jippresenta rapport fil-konfront tieghu.

Illi l-Probation Officer Maryrose Farrugia wkoll ppresentat il-pre sentencing report taghha fl-istess seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2005 li gie mmarkat bhala dokument MF, u dan fil-konfront ta' Allan Pace.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha z-zewg relazzjonijiet markati bhala dokumenti RA u MF.

Minn ezami tar-relazzjoni dokument RA u cioe dak maghmul mill-Probation Officer Trevor Calafato, jirrizulta li Rittmar Hatherly kellu trobbija nfelici fis-sens li l-genituri

tieghu kienu qed jisseparaw u b'hekk spicca b'imgieba negattiva kemm socjalment kif wkoll l-iskola tant li spicca taht is-sorveljanza ta' *guidance teachers*. Illum jinsab disokkupat ghalkemm il-kuntatt tieghu mal-Ufficjal tal-Probation kien wiehed regolari u ma offra ebda rezistenza fil-kuntatti li saru. Mistoqsi mill-Ufficjal tal-Probation tieghu ghaliex seraq, huwa wiegbu li kien dahal fil-Forti Sant'Iermu bhala avventura u ma kellu ebda ntenzjoni malizjusa qabel ma kien dahal fil-fond. L-idea tas-serq kienet wahda spontanea w is-serq gie kommess bhala sens t'avventura.

L-Ufficjal tal-Probation Maryrose Farrugia spjiegat li Allan Pace gej minn familja numeruza fejn hemm problemi kemm ta' sahha mentali, fisika, kif wkoll finanzjarja. Fil-fehma taghha minn naha tal-genituri ma kienx hemm il-hiliet mehtiega sabiex Allan Pace setgha jinghata trobbija adegwata. Fil-fatt spjegat li ta' sikwit kien jiskarta l-iskola u jispicca jiggerra fit-triq u jaghmilha ma kumpanija hazina minghajr ma kien hemm kontroll fuqu.

Il-fedina penali tal-imputat Allan Pace tinkludi zewg kazi, wiehed li twettaq fit-tmienja w ghoxrin ta' Awissu, li tieghu nghata Ordni ta' Probation fil-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 2003 ghal perjodu ta' sentejn, pero skond ma spjegat l-Ufficjal tal-Probaon, din l-ordni qatt ma waslet lil Ufficjal tal-Probation bil-konsegwenza li ma bediex jigi segwit minn Ufficjal tal-Probation. Huwa nghata Ordni ta' Probation ohra fil-hmistax ta' Jannar 2004 ghal perjodu ta' sentejn wkoll. Minn dan il-punt, Allan Pace beda jigi segwit minn Ufficjal tal-Probation.

Fil-fehma taghha, ghalkemm Allan Pace kiser l-ewwel ordni ta' Probation, minn meta beda jigi segwit mill-Ufficjal tal-Probation huwa wera l-volunta li jirranga hajtu, u ma hemmx evidenza li fetah kazi godda. Hija qed tinsisti li jsib impjieg regolari ghalkemm tezisti certa preokkupazzjoni li Allan Pace m'ghandux mod kif iqatta l-hin tieghu b'mod produttiv. Hija ddeskriviet l-imgieba ta' Allan Pace bhala wahda li fil-passat kienet *deviant behaviour* pero din bdiet tikkorregi ruhha meta dan ha

Ordni ta' Probation u ghalhekk fil-fehma taghha, l-Ordni tal-Probation fil-konfront tieghu kienet wahda effettiva.

Kemm l-Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato kif wkoll l-Ufficjal tal-Probation Maryrose Farrugia, huma tal-opinjoni li din l-Qorti ghandha taghti ordni ta' Probation u Servizz skond l-artikolu 18 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tinkorpora fiha kemm l-element ta' Probation kif wkoll l-element ta' xoghol fil-komunita. Irrakkomandaw wkoll li l-Ordni tal-Probation tkun skond il-massimu li tippermetti l-ligi, filwaqt li jkun hemm l-element ta' xoghol ghal hamsin siegha.

Dwar l-ko-akkuzat Aaron Agius, il-Qorti m'ghandhiex gwida, anzi jirrizultalha fic-cert li Ordni ta' Probation zgur li mhux idonea biex tigi ordnata lilu.

Illi din il-Qorti ghalhekk trid l-ewwel tqis n-natura tal-akkuzi migjuba kontra t-tlett imputati u dan ghaliex m'humiex akkuzati bl-istess reati ghaliex Allan Pace huwa akkuzat li huwa recidiv, li kiser Ordni ta' Probation, apparti l-kommissjoni ta' serq bl-aggravju tal-mezz u tal-vjolenza, kif moghtija fil-konfront tal-ko-akkuzati.

Il-Qorti qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(a)(b)(f), 262(1)(a), 263, 270, 276, 281, 277, 278, 289, 334, 49 u 50 tal-Kap 9 u l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **ti**ddikjara fuq ammissjoni tal-imputati **RITTMAR HATHERLY, AARON AGIUS** u **ALLAN PACE li ssibhom hatja tal-akkuzi kollha kif moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront taghhom** u tiddecidi billi **tpoggi lil imputat RITTMAR HATHERLY** <u>taht Ordni ta' Probation skond l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' **sentejn** mill-lum u</u> lil imputat **ALLAN PACE**<u> taht Ordni ta' Probation wkoll skond l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' **tlett** snin mill-lum</u>.

**Il-Qorti wkoll qed tikkundanna lil imputat ALLAN PACE jhallas s-somma ta' hamsin lira maltin bhala amenda ghal ksur tal-Ordni ta' Probation moghtija lilu**

**mill-Qorti tal-Magistrti (Malta) nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 2003.**

Fir-rigward tal-imputat **AARON AGIUS** il-Qorti rat li dan kien minuri meta kkommetta r-reat u ghalhekk skond l-artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn.

**Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti qed tikkundanna lil imputat AARON AGIUS ghal piena karcerarja ta' disgha [9] xhur sospizi ghal tlett snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll ai termini tal-artikolu 11(2) tal-istess Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tinhareg ordni ta' servizz fil-komunita fil-konfront ta' RITTMAR HATHERLY u ALLAN PACE fejn huma ghandhom jaghmlu xoghol bla hlas ghal mitt siegha kull wiehed.**

**Il-Qorti tordna li jkun l-Ufficjal tal-Probation li jrid jigi nominat mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation, li jara fejn RITTMAR HATHERLY u ALLAN PACE ser jaghmlu dawn s-sighat fil-komunita u dan ghandu jsir bi qbil bejn l-imputati probationers u r-rappresentant ta' fejn ser isir dan is-servizz. Dan is-servizz pero m'ghandux jinterferixxi fil-hinijiet ta' xoghol li l-istess imputati probationers jistghu jsibu u ghalhekk bil-bon sens tal-Ufficjal tal-Probation nominat ghandu jintlahaq bi ftehim.**
**Il-Qorti qed tobbliga lil imputati probationers RITTMAR HATHERLY u ALLAN PACE sabiex jkomplu jgibu ruhhom tajjeb, jghaddu hajja ta' bzulija u joqghodu ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentawx certu postijiet u/jew certi nies u li ghandhom jibqghu jzommu kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtihom minn zmien ghal zmien.**

**Tobbliga wkoll lil l-imputati probationers RITTMAR HATHERLY u ALLAN PACE jidhru quddiem din il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilhom mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputati probationers.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 11(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tissolecita lil istess Direttur sabiex possibilment jinnomina lill-istess Ufficjali tal-Probation li diga hejjew l-pre sentencing inquiry reports.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqos li josservawha.**

**L-imputati minn naha taghhom jiddikjaraw li fehmu ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqsu li josservawha.**

**Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tinghata lil istess imputati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------